**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF DR MARK CHETCUTI LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF DR EDWINA GRIMA LL.D.**

**ONOR.IMĦALLEF DR GIOVANNI GRIXTI LL.D.**

**Illum l-Erbgħa 22 ta' Settembru 2021**

**Att ta' Akkuża Nru. 14/2017**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**vs**
**Ismael Habesh**
**Faical Mahouachi**

Il-Qorti,

**1.**Rat l-Att ta'l-Akkuża miġjuba mill-Avukat Ġenerali kontra Ismael Habesh detentur tal-karta ta'l-identita' numru 0015771(A) u Faical Mahouachi detentur tal-karta ta'l-identita' 00369294(M) akkużati talli:

> **Fl-Ewwel Kap**, illi l-imsemmija Ismael HABESH u Faical MAHOUACHI, reċidivi f'delitt, irrendew ruħhom ħatja ta' omiċidju volontarju, u cioe' talli nhar il-Ħamsa (5) ta' April tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), għall-ħabta tad-disgħa w

nofs ta' filgħaxija (9:30pm), ġewwa l-Marsa, Malta, dolożament, bil-ħsieb li joqtlu persuna (Simon Grech) jew li jqegħdu l-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunawlha l-mewt;
U billi permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, kemm l-akkużat Ismael HABESH kif ukoll l-akkużat Faical MAHOUACHI kienu nstabu ħatja preċedentement ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali addebita lill-istess akkużati bir-reċidiva.

**Fit-Tieni Kap**, illi l-imsemmija Ismael HABESH u Faical MAHOUACHI, reċidivi f'delitt, irrendew ruħhom ħatja talli nhar il-Ħamsa (5) ta' April tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), għall-ħabta tad-disgħa w nofs ta' filgħaxija (9:30pm), ġewwa l-Marsa, Malta, fil-waqt li kienu qegħdin jagħmlu reat volontarju kontra l-persuna (l-omiċidju volontarju ta' Simon Grech), kellhom fuq il-persuna tagħhom arma regolari jew munizzjon jew imitazzjoni ta' dawn l-oġġetti (sikkina), u dana mingħajr skop leġittimu;
U billi permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, kemm l-akkużat Ismael HABESH kif ukoll l-akkużat Faical MAHOUACHI kienu nstabu ħatja preċedentement ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali addebita lill-istess akkużati bir-reċidiva.

**Fit-Tielet Kap**, illi l-imsemmija Ismael HABESH u Faical MAHOUACHI, reċidivi f'delitt, irrendew ruħhom ħatja talli nhar il-Ħamsa (5) ta' April tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), għall-ħabta tad-disgħa w nofs ta' filgħaxija (9:30pm), ġewwa l-Marsa, Malta, ġarrew 'l barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellhom liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;
U billi permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, kemm l-akkużat Ismael HABESH kif ukoll l-akkużat Faical MAHOUACHI kienu nstabu ħatja preċedentement ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali addebita lill-istess akkużati bir-reċidiva.

**Fir-Raba' Kap**, illi l-imsemmi Ismael HABESH, reċidiv f'delitt, irrenda ruħu ħati talli nhar il-Ħamsa (5) ta' April tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005) u fil-ġranet ta' qabel din id-data, f'Malta, xjentement laqa' għandu jew xtara' ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat (vettura tat-tip Ford mudell Escort Mk. 6, bin-numru tar-reġistrazzjoni MAT-308, li tiswa' aktar minn €2,329.37), sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, jindaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
U billi permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, l-akkużat Ismael HABESH kien instab ħati preċedentement ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali addebita lill-istess akkużat bir-reċidiva.

**2**. Rat illi l-akkużat Faical MAHOUACHI, minkejja li fit-23 ta' Novembru 2017 ġie debitament notifikat personalment bl-Att tal-Akkuża, bin-nota tax-xiehda u b'kopja ta' dak li jgħid l-artikolu 438 tal-Kodiċi Kriminali, baqa' ma ppreżenta ebda eċċezzjonijiet preliminari.

**3.** Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet preliminari preżentata mill-akkużat Ismael HABESH nhar id-19 ta' Diċembru 2017.

**4**. Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fil-15 ta' Diċembru 2020 fejn l-Qorti filwaqt li caħdet it-tielet, il-ħames, is-sitt, is-seba', it-tminn u d-disa' eċċezzjonijiet, laqgħet l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet fis-sens li ordnat li dawk il-paġni fil-proċess li ma humiex iffirmati mill-Maġistrat Inkwirenti, in kwantu mhux konformi mal-preċett tal-Liġi, jiġu esklużi bħala prova minn dan il-proċess, safejn tali dokumenti setgħu jservu ta' prova. Dan pero' bl-ebda mod ma kellux jinftiehem li b'xi mod jeskludi l-produċċibilita u ammissibbilita ta' dawk ix-xiehda - li t-traskrizzjoni tax-xiehda tagħhom jew tad-dokumenti prodotti minnhom setgħu ġew milquta u sflizati minn din is-sentenza - matul il-Ġuri u dan peress li fl-aħħar mill-aħħar il-proċess penali proprju għad irid jiġi ċelebrat quddiem il-Ġurija billi x-xiehda tax-xhieda tinstema' viva voce. Inoltre laqgħet in parti r-raba' eċċezzjoni fis-sens li ordnat li l-istqarrijiet kollha magħmula mill-akkużat fl-2005 u fl-2009 jiġu sfilzati; filwaqt li kull riferenza li ssir għal dawn l-istqarrijiet minn kwalunkwe xhud għandha tiġi mħasra u ma tiġix murija lill-Ġurati. Iżda l-istqarrija rilaxxjata mill-akkużat fid-19 ta' Frar 2013 għandha tiġi ritenuta bħala prova ammissibbli u produċibbli bi prova fil-Ġuri; daqskemm għandhom jiġu ritenuti ammissibbli u produċibbli bi prova riferenzi li issa setgħu saru fiha mill-akkużat fit-tweġibiet tiegħu għal dikjarazzjonijiet li huwa għamel preċedentement u kull riferenza li saret minn xi xhud ieħor dwar dawk il-fatti li l-akkużat semma fl-istqarrija tiegħu anke b'riferenza għal fatti msemmija minnu preċedentement iżda li ġew imsemmija fl-istqarrija tad-19 ta' Frar 2013. Biss kull riferenza li ssir f'din l-

istqarrija dwar meta l-akkużat iltaqa' mal-ko-akkużat fil-Ħabs ta' Kordin jew kull riferenza li ssir għall-dik il-Faċilita' jew għall-kondotta kriminali preċedenti tal-akkużat fiha għandha tiġi wkoll imħasra.

**5**. Rat ir-rikors ta'l-appell imressaq mill-Avukat Ġenerali ppreżentat fit-22 ta' Diċembru 2020 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja dik il-parti fejn il-Qorti Kriminali laqgħet in parti r-raba' eċċezzjoni fejn ordnat li l-istqarrijiet kollha magħmula mill-akkużat Habesh fl-2005 u fl-2009 jigu sfilzati u fejn ordnat li kull referenza li ssir għall-istqarrijiet sfilzati minn kwalunkwe xhud għandha tigi mħasra u ma tiġix murija lill-ġurati u minnflok tikkonferma l-istess stqarrijiet bħala prova ammissibbli u produċibbli bi prova fil-Ġuri, filwaqt li tikkonfermaha fil-bqija u dana fl-aħjar interess u għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.

**6**. Rat ir-risposta ta'l-appell ipprezentata mill-akkużat Ismael Habesh tas-26 ta' Mejju 2021.

7. Rat l-atti kollha tal-kawża.

**8.** Semgħet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

**9.** Illi l-appell imressaq mill-Avukat Ġenerali huwa limitat għal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn il-Qorti Kriminali ordnat l-isfilz ta'l-istqarrijiet rilaxxati mill-appellant Habesh fis-snin 2005 u 2009 fejn fl-uniku aggravju minnu ntentat jitlob lill-Qorti sabiex tqies il-valur probatorju ta' dawn l-stqarrijiet rilaxxati mill-persuna akkużata billi huwa tal-fehma illi din il-prova determinanti ma għandhiex tiġi mwarrba għal motiv uniku illi din ma kellhiex jedd għall-assistenza legali meħtieġa filwaqt li potenzjalment jistgħu isiru dikjarazzjonijiet inkriminatorji u li sussegwentement

jintużaw bħala prova fil-proċess kriminali istitwit kontriha. Jirriżulta minn eżami ta'l-atti illi l-appellat Habesh ġie interrogat diversi drabi mill-pulizija dwar l-omiċidju ta' Simon Grech, u cioe' fid-9 t'April 2005, fl-10 t'April 2005 fil-15 t'April 2005, fis-17 t'April 2005, fit-23 t'April 2005, fl-20 ta' Frar 2009 u fl-aħħarnett fid-19 ta' Frar 2013. Kif tajjeb irrimarkat il-Qorti Kriminali, għal dawk l-istqarrijiet li ittieħdu fis-snin 2005 u 2009, l-appellat ma kellu jedd għal ebda forma ta' assistenza legali billi f'dak iż-żmien il-liġi viġenti kienet tippreкludi dan id-dritt b'mod sistematiku. Imbagħad fis-sena 2013 meta l-appellat irrilaxxa l-aħħar stqarrija tiegħu, qabel ma ġie finalment mixli bl-akkużi lilu addebitati fl-Att ta'l-Akkuża, kien hemm bidla fil-liġi tant illi f'dan iż-żmien kien finalment daħal fis-seħħ l-artikolu l-ġdid maħluq bl-Att III tal-2002 fejn *"il-persuna li tkun arrestata u qed tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew f'xi post ieħor ta' detenzjoni awtorizzata għandha, jekk hija hekk titlob, titħalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat u prokuratur legali , wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal mhux aktar minn siegħa żmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tiġi interrogata, l-persuna taħt kustodja għandha titgħarraf mill-Pulizija bid-drittijiet li għandha taħt dan is-sub-artikolu."*

**10**. Illi l-Qorti Kriminali għamlet distinzjoni għalhekk bejn l-istqarrijiet li ittieħdu qabel daħal fis-seħħ dak li kien l-artikolu 355AT tal-Kodiċi Kriminali[1], u dik l-uniku stqarrija li ittieħdet wara il-bidla fil-liġi, fejn allura is-suspettat kellu dritt jikkonferixxi mal-avukat tal-għażla tiegħu qabel l-interrogatorju. Il-Qorti Kriminali qalet hekk fis-sentenza tagħha:

> **"31.Din il-Qorti jidhrilha li kwantu għall-istqarrijiet rilaxxjati qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att III tal-2002 u l-konsegwenti emendi li bdew jagħtu lok għal forma t'assistenza legali, problema prinċipali kienet il-projbizzjoni sistemika li kienet teżisti fil-Liġi Maltija fejn ebda forma t'assistenza legali ma kienet permessa qabel jew waqt interrogatorju mill-Pulizija jew forzi perposti għaż-żamma tal-ordni fil-pajjiż.**

[1] Din id-disposizzjoni tal-liġi ġiet sostitwita permezz ta'l-Att LI tal-2016.

32.Is-sentenzi ta' Beuze v. Belgium u Farrugia v. Malta xi ftit jew wisq irrilassaw il-posizzjoni riġida ġia adottata minn Borg v. Malta u każijiet oħra fejn il-QEDB qieset il-ksur awtomatiku tal-jeddijiet tal-bniedem bħala riżultat ta' projbizzjoni sistemika tal-jedd għal assistenza legali qabel jew waqt interrogazzjoni. In-nuqqas ta' linejarita stretta fil-posizzjoni tal-QEDB fuq dan il-punt waslet ukoll għal interpretazzjonijiet differenti mill-Qrati domestiċi. Din tista' tkun rifless ta` posizzjonijiet ideoloġiċi differenti li joqltu l-punt legali sollevati bl-eċċezzjoni preliminari f'dan il-każ. Kif jiġri spiss, dawn is-sentenzi mhux dejjem ikunu unanimi; u bosta drabi jkun hemm opinjonijiet dissenzjenti esperessa minn xi wħud mill-Imħalfin li jiffurmaw parti minn dik il-Qorti. Fil-kuntest tal-materja legali dibattuta opinjonijiet dissenzjenti ma huma xejn sorprendenti minħabba t-tensjonijiet ideoloġiċi li jolqtu dawn il-punti legali u li waslu għal konklużjonijiet differenti fuq l-istess punti legali matul dawn l-aħħar snin.

33.Jirriżulta li s-sentenza Azzopardi aktar il-fuq imsemmija ingħatat madwar sitt xhur wara s-sentenza Beuze, iżda ġiet pronunzjata biss tmint ijiem qabel ma ġiet mogħtija s-sentenza Farrugia. Jibqa' pero l-fatt li Farrugia v. Malta kien jittratta każ kriminali li kien ġie deċiż, mentri dan in disamina huwa każ kriminali li għad irid jiġi ċelebrat. B'hekk din il-Qorti għadha fi stadju li tista' tqis iċ-ċirkostanzi partikolari u tevalwa l-prinċipji li jitnisslu minn din il-każistika tal-QEDB u tapplikaha b'mod konkret għall-każ in kwistjoni.

34.Fis-sentenza tal-Qrati Kostituzzjonali fl-ismijiet Graziella Attard vs. L-Avukat Ġenerali f'deċiżjoni mogħtija allura kemm wara Beuze kif ukoll wara Farrugia v. Malta, dik il-Qorti ċaħdet l-appell tal-Avukat Ġenerali wara li rriteniet li anki jekk ma jirriżultax ksur tad-drittijiet ta' smiegħ xieraq fid-dawl tal-linji gwida ta' Farrugia, bħala salvagwardja ma kienx ikun għaqli li (partikolarment fid-dawl tal-inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropeja li kien joħloq element ta' imprevedibbilita' – kif kienu jirriżultaw il-posizzjonijiet konfliġġenti bejn il-każ Borg u l-każ Beuze) l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija mogħtija minn Attard lill-Pulizija minħabba li fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehemha fir-reat. F'dak il-każ l-akkużata ma kienetx ingħatat l-opportunita li titkellem ma avukat qabel ma bdiet l-interrogazzjoni mill-Pulizija.

35.F'dan l-isfond ċirkostanzjali, anke fid-dawl tal-evoluzzjoni relattivament asimettrika tal-ġurisprudenza lokali u dik tal-QEDB fuq il-punti msemmija aktar il-fuq, ma jkunx għaqli li f'dan l-istadju, jsir użu mill-istqarrijiet imsemmija u li ġew rilaxxjati mill-akkużat fiċ-ċirkostanzi fattwali u legali prevalenti bejn l-2005 u l-2009 u li s'issa jifformaw parti mill-proċess kriminali. Dan ukoll sabiex, meta l-proċess kriminali jkun intemm, ma jkunx

jista' jingħad li ġie mniġġes b'xi irregolarita li tista' twassal għal xi konsegwenzi fuq il-konklużjonijiet li jkunu ttieħdu fi tmiem il-każ, ikunu xi jkunu.

36.Illi pero s-sitwazzjoni legali u ġurisprudenzjali regolanti l-ammissibilita u l-użu eventwali li jista' jsir mill-istqarrija rilaxxjata fid-19 ta' Frar 2013 hija differenti minn dik li tiċċirkonda dawk l-istqarrijiet rilaxxjati bejn l-2005 u 2009.

37.Meta saret din l-istqarrija fid-19 ta' Frar 2013 kienu laħqu daħlu fis-seħħ l-emendi bl-Avviż Legali 35 tal-2010 fejn allura issa l-Liġi ma tistax tingħad li kienet tipprovdi għal projbizzjoni sistemika tal-jedd tal-assistenza legali li twassal għal vjolazzjoni awtomatika tal-jeddijiet ta' smiegħ xieraq. Il-Liġi issa ġiet li tipprovdi għal forma t' assistenza legali, li għalkemm ma kienetx testendi għall-presenza tal-Avukat anke matul il-kors tal-interrogatorju, żgur li issa kienet tagħti l-jedd tal-għażla lil min ikun sejjer jiġi interrogat mill-Pulizija Eżekuttiva sabiex ikun jista' jiftaħ għajnejh u jieħu parir jekk għandux jitkellem u x'jista' jgħid u ma jgħidx u x'konsegwenzi jkun Page 25 of 57 hemm kemm jekk jikkopera u kemm jekk le – kemm jekk jitkellem u kemm jekk jibqa' sieket u ma jweġibx għal kollox jew in parti.

38.F'dan il-każ, jirriżulta ċar li fid-19 ta' Frar 2013, l-akkużat għażel li jirrifjuta dak il-jedd ta' assistenza legali kif kien dak iż-żmien li ġie mogħti lilu. .....

56. Illi qabel ingħatat l-istqarrija li ttieħdet mill-akkużat fis-sena 2013 - fejn allura l-akkużat ingħata d-dritt għall-aċċess għall-avukat, għalkemm mhux waqt l-interrogazzjoni - wara li l-appellant ingħata l-possibilita li jikkonsulta ma avukat u huwa <u>irrifjuta</u> li jkun assistit legalment.

57.L-appellant jirriżulta li għandu fedina penali li tindika li hu ġieli xellef dufrejgħ mal-Ġustizzja u tressaq il-Qorti diversi drabi. Huwa jirriżulta li kien ukoll ġie misjub ħati diversi drabi t'offiżi kriminali minn dawn il-Qrati. L-appellant ma kienx t'eta tenera ma ġie interrogat in konnessjoni ma dan il-każ. Ma jirriżultax li l-appellant kien f'xi posizzjoni partikolarment vulnerabbli meta huwa ġie mitkellem mill-Pulizija jew li kellu xi impediment mentali li jirrendih vulnerabbli.

58.Meta ġie biex jiġi mitkellem mill-Pulizija huwa mhux biss ġie mogħti l-jedd li jikkomunika mal-avukat tal-fiduċja tiegħu qabel jiġi mitkellem – skont il-Liġi viġenti dak iż-żmien – iżda wkoll ġie mwissi bid-dritt tiegħu li jibqa' sieket iżda li dak li jgħid jitniżżel bil-miktub u li jinġieb bi prova.

59.Ma jirriżultax li f'dan il-każ l-Pulizija akkwistaw evidenza kontra l-Liġi u t-teħid ta' dawn l-istqarrijiet sar regolarment skont il-Liġi viġenti f'dak iż-

**żmien. Di piu' ma jirriżultax li l-appellant qajjem, in limine litis, xi lment dwar il-mod ta' kif tali stqarrijiet ġew meħuda mill-Pulizija jew xi irregolaritajiet jew abbużi minnhom matul it-teħid tal-istess.**

**60.Mill-kontenut tal-istqarrija ma hemmx informazzjoni li fiha nnifisha setgħet twassal għall-inkriminazzjoni tiegħu għar-reati l-aktar serji u dan peress illi hu ċaħad l-involviment tiegħu fil-qtil ta' Simon Grech. Mill-banda l-oħra bl-ebda mod ma jista' jingħad li dawn l-istqarrijiet setgħu kienu l-bażi unika jew prinċipali li fuqha l-akkużat jista' jiġi misjub ħati mill-Ġuri. Kwindi, din il-Qorti mhix tal-fehma li hemm bażi legali għaliex din l-istqarrija għandha titqies inammissibbli.**
**61.Apparti minn hekk, kif intqal il-fuq, il-kontenut tal-istqarrija f'dawn il-proċeduri ftit li xejn isservi sabiex titfa' pern fuq il-ħtija o meno tal-akkużat għar-reat tal-omiċidju volontarju, li żgur huwa r-reat l-aktar serju f'dan il-każ. Jekk xejn hemm provi oħra fil-proċess li fuqhom il-Prosekuzzjoni tista' tibbaża l-każ tagħha meta tiġi biex titlob li l-akkużat jiġi misjub ħati mill-Ġuri.**

**62.B'hekk il-Qorti ma tqisx li l-istqarrija rilaxxjata fit-13 ta' Frar 2013 għandha tiġi skartata għax jekk jiġri dan, il-Ġuri jkun qiegħed jiġi mċaħħad minn evidenza li hija rilevanti għal dan il-każ."**

**11.** L-appellant Avukat Ġenerali fl-aggravju minnu mqanqal jilmenta mill-fatt illi l-Qorti Kriminali wżat għarbiel differenti meta ġiet biex tqis jekk l-istqarrijiet kollha rilaxxati mill-akkużat għandhomx valur probatorju, u allura kellhomx jinġiebu a konjizzjoni tal-ġurati bħala parti mill-provi in atti fil-konfront ta'l-akkużat. Isostni illi kuntrarjament għal dak li kkonkludiet il-Qorti Kriminali, il-projbizzjoni sistematika tal-jedd għall-assistenza legali ma twassalx b'mod awtomatiku għal vjolazzjoni tal-persuna akkużata għal smigħ xieraq. Isaħħaħ l-argument tiegħu bid-deċizjoni tal-QEDB fil-każ *Farrugia vs Malta* liema deċizjoni kienet tikkonċerna stqarrija rilaxxata mill-akkużat qabel id-dħul fis-seħħ tal-emendi fi Frar 2010. Isostni illi ghalkemm il-Qorti Kriminali għamlet analizi dettaljata taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ li sawwru it-teħid tal-istqarrija fl-2013 u applikat għaliha il-kriterji imfassala mill-QEDB fid-deċiżjonijiet *Beuze vs il-Belgju* u *Farrugia vs Malta*, madanakollu dan l-eżerċizzju imbagħad ma għamlitux meta ġiet biex tqis l-istqarrijiet rilaxxati fis-snin 2005 u 2009. Fil-fehma tal-Avukat Ġenerali dan l-eżerċizzju kellu ukoll isir għar-rigward ta'l-istqarrijiet issa mertu ta' dan l-appell,

għaliex għalkemm meta rrilaxxa dawn l-istqarrijiet l-akkużat ma kellu ebda jedd għal xi forma ta' assistenza legali, madanakollu dawn ġew rilaxxati skont il-liġi viġenti f'dak iż-żmien u għalhekk ammissibbli bħala prova in atti. Mhux biss, iżda, jikkontendi l-Avukat Ġenerali, l-akkużat Habesh qatt ma qajjem ebda lment dwar il-mod kif ittieħdu l-istqarrijiet u li dawn ma kenux konformi mal-liġi, anzi addirittura ingħata l-fakolta' li jibdel partijiet mill-istqarrijiet preċedenti tiegħu fejn dehrlu xieraq. Magħdud ma' dan jirriżulta illi ebda stqarrija ma fiha dikjarazzjonijiet inkriminatorji peress illi l-appellat dejjem caħad l-involviment tiegħu fl-omiċidju ta' Simon Grech.

**Ikkunsidrat:**

**12.** Illi huwa ndubitat illi fir-rigward ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet miksuba waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija tal-persuna suspettata bil-kumissjoni ta' reat, iżda li għadha ma ġietx mixlija l-Qorti, dawn l-istqarrijiet u dikjarazzjonijiet ġaladarba jikkostitwixxu prova fil-proċess penali, għandhom jittieħdu skont il-liġi. Stqarrijiet jew dikjarazzjonijiet hekk imsejjħa '*pre-trial*', miksuba bi vjolazzjoni ta' dritt għandhom jiġu skartati billi nieqsa minn kwalunkwe valur probatorju. Din ir-regola hija mfassla, fl-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali[2].

**13**. Illi l-pożizzjoni ta' dritt li tirregola it-teħid ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet mis-suspettat taħt id-dritt penali nostran ra żviluppi sostanzjali fi snin reċenti. Illi fiż-żmien meta l-akkużat ġie l-ewwel darba arrestat u interrogat lura fis-sena 2005, huwa ma kellu jedd għal ebda forma ta' assistenza legali billi l-liġi kienet teskludi dan id-dritt b'mod sistematiku. Fis-sena 2005, l-akkużat irrilaxxa ħames stqarrijiet u dan bejn id-09 ta' April 2005 u it-23 ta' April 2005. Qabel irrilaxxa dawn l-istqarrijiet ġie mogħti it-twissija skont il-liġi viġenti f'dak iż-żmien. Iżda f'dan il-każ il-Qorti ma tistax tieqaf hawn u allura

---

[2]Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, kemm bil-miktub,b'mezzi awdjoviżwali jew b'mezzi oħra, tista' tittieħed bi prova kontra jew favur min, skont kif ikun il-każ, ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.

tikkonkludi illi l-prova tiswa skont il-liġi, kif qed jistedinha tagħmel l-Avukat Ġenerali, u li allura dawn l-istqarrijiet għandhom igħaddu mill-istess għarbiel li sar mill-Ewwel Qorti fir-rigward ta'l-istqarrija rilaxxata fis-sena 2013, u dan għas-segwenti motivi. Illi fil-bidu ta'l-investigazzjonijiet kondotti mill-pulizija, dawn kienu ndirizzati lejn l-għejbien ta' Simon Grech li seħħet fil-05 ta' April 2005, fejn allura l-investigaturi bdew jippruvaw jirrintraċċaw l-aħħar movimenti li kienu saru minn Grech bil-għan li dan jinstab. Billi irriżultalhom illi l-appellat Habesh kien wieħed mill-aħħar persuni li miegħu Grech kellu kuntatt qabel għeb, il-pulizija interrogawh għall-aktar minn darba u anke ġie mizmum taħt arrest. Il-katavru ta' Simon Grech jiġi misjub mill-investigaturi fit-13 ta' April 2005 u allura tmint ijiem wara l-ghejbien tieghu. Dan ifisser illi meta l-appellat ġie interrogat fid-09 u fl-10 ta' April 2005, l-investigazzjonijiet tal-pulizija ma kenux jikkonċernaw każ ta' omiċidju. Fil-fatt meta jinstab il-katavru ta' Grech, l-indaġini dwar l-*in genere* inbidel sabiex beda il-proċess tal-ħatra ta'l-esperti bil-għan illi jsir l-istħarriġ issa marbut mal-omiċidju ta' Simon Grech. Igħid hekk fil-fatt l-Ispettur Carmelo Bartolo fix-xiehda tieghu[3]:

> *"Issa immedjatament dehrilna issa la sibna l-katavru ta' Simon Grech dehrilna illi kellna nergghu nghaddu ghall-arrest ta' Ismael Habesh u din id-darba mhux b'suspett illi huwa setgha kien jaf xi haga dwar l-ghibien tieghu, imma b'suspett serju illi huwa setgha kien involut b'xi mod issa fil-qtil tieghu. Fil-fatt arrestajnieh dakinhar stess fit-tlettax ta' April u niftakar li arrestajnieh ghal habta tas-sitta ta' fil-ghaxija."*

**14**. Illi allura l-appellat, suspettat għall-ewwel b'involviment fl-għejbien ta' Simon Grech, issa jibda' jiġi indagat b'rabta mal-omiċidju tiegħu, u allura l-interrogazzjoni tieħu bixra oħra tant illi għalkemm l-appellat dejjem wieġeb għal maġġior parti tal-mistoqsijiet li sarulu, madanakollu fl-istqarrijiet li ittiehdu wara it-13 ta' April 2005, huwa jibda' jbiddel xi dettalji li kien ipprovda fl-istqarrijiet preċedenti meta kien qed jirrakkonta dak li seħħ fil-jum tal-omiċidju, u anke jakkompanja lil pulizija sabiex tiġi misjuba vettura li huwa allegatament kien qed juża f'dik il-lejla. F'dawn l-istqarrijiet kollha jiċħad kategorikament l-involviment tiegħu f'dan il-qtil. Kif ikompli jiċħad meta

---

[3] Ara xhieda atti tal-kumpilazzjoni Vol 2 pag.241 et seq.

imbagħad jerġa' jiġi interrogat kwazi erba' snin wara fl-20 ta' Frar 2009 meta jidher li l-pulizija kienu għadhom ma solvewx il-każ, bl-appellat jibqa' madanakollu suspettat bl-involviment tiegħu f'dan il-qtil. Finalment jerġa' jiġi interrogat fid-19 ta' Frar 2013, meta allura kien daħal fis-seħħ l-artikolu 355AT tal-Kodiċi Kriminali, illum abrogat, fejn huwa ingħata il-jedd jieħu parir mill-avukat tal-għażla tiegħu għal siegħa qabel l-interrogatorju. Dan il-jedd l-appellat jirrinunzja għalih. Fil-bidu ta' dan l-interrogatorju jigi hekk mistoqsi:

> **"M: .... Qabel nibdew naghmlulek id-domandi, inti trid tbiddel xi haga mill-istqarrijiet li rrilaxxajt minn meta sehh dan il-kaz 'il hawn u cioe' trid tghidilna ftit kif graw il-fatti nhar il-05 ta' April 2005 u cioe' meta inti kellek l-ahhar kuntatti ma' dan Simon li qed insemmu?**
> **T: Jien ma qtilt lil hadd. Jekk ma sibtux min hu mhux se nehilha jien.**
> **M: Mela la ma trid tibdel xejn minn dak li ghidtilna qabel, jimporta nergghu nibdew billi terga tghidilna ftit kif graw il-fatti nhar il-5 ta' April 2005 u cioe' meta inti kellek l-ahhar kuntatti ma' dan Simon li qed insemmu?**
> **T: Ma nafx. Dak li ghidtlek qabel nerga' nghid l-istess.**
> **M: Mela tista' terga tghidilna x'ghidt id-darba l-ohra? ...."**

U minn hawn 'il quddiem l-appellat essenzjalment jerġa' jtenni dak minnu mistqarr fl-istqarrijiet preċedenti, għalkemm l-ħames stqarrijiet l-oħra fihom aktar dettall. Dan ifisser illi mogħti issa l-assistenza legali, l-appellat jirrinunzja għal dan il-jedd u jerġa' itenni dak minnu dikjarat fl-istqarrijiet preċedenti tiegħu. Jibqa' jiċħad kategorikament li kien involut fil-qtil ta' Simon Grech.

**15**. Issa l-Prosekuzzjoni, mhijiex qed tistrieħ unikament fuq dawn l-istqarrijiet bħala provi f'dan il-każ, tant illi kienet f'posizzjoni tressaq lil akkużati mixlija bl-omiċidju ta' Simon Grech wara li xhud okulari, certu Jacqueline Rapinett, kixfet dak li kien seħħ kważi għaxar snin qabel. Issa jekk din ix-xhud hijiex kredibbli o meno, hija deċiżjoni li tispetta lill-imħallfin tal-fatt u certament mhux lil din il-Qorti f'dan l-istadju tal-proċeduri. Dan ifisser allura illi meta l-ġurati ser jiġu biex jiddeterminaw il-ħtija ta'l-appellat huma ser jiġu ggwidati mill-Imħallef togat sabiex iqiesu liema verzjoni tal-fatti hija l-aktar verosimili, bl-applikazzjoni tal-kriterji stabbiliti fl-artikoli 637 tal-Kodiċi

Kriminali[4], u cioe' jekk hijiex dik li jagħti l-appellat fl-istqarrijiet minnu rilaxxati lil pulizija jew il-verżjoni tal-fatti mogħtija mix-xhud okulari li tiddikjara li rat dak li seħħ fil-lejla meta inqatel Simon Grech u li tipponta subajgħha lejn l-appellat u l-ko-akkużat Mahouachi. Fuq kollox, "*ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar*.[5]"

**16**. Dan qed jingħad għaliex, għalkemm f'dan l-istadju din il-Qorti, bħal Qorti Kriminali qabilha, ma għandhiex is-setgħa tidħol biex tqis il-provi fil-mertu, madanakollu dan l-eżercizzju qed isir għaliex l-Avukat Ġenerali jilmenta mill-fatt illi l-Qorti Kriminali ma daħħlitx biex tezamina jekk il-kriterji imfassla fid-deċiżjoni *Beuze* humiex sodisfatti fir-rigward tal-istqarrijiet mertu ta' dan l-appell. Il-Qorti Kriminali kienet tal-fehma illi l-fatt waħdu illi l-appellat ma ngħata ebda forma ta' assistenza legali meta rrilaxxa l-istqarrijiet tiegħu lura fis-sena 2005 u l-2009, u dan għaliex il-liġi ma kenitx tagħtih dan id-dritt, kienet raġuni sufficjenti sabiex tqies illi dawn l-istqarrijiet kellhom jitwarrbu mill-atti proċesswali billi jkun perikoluż ferm illi il-ġudizzju aħħari isir fuq prova li inkisbet meta s-suspettat ma kellux jedd għal ebda forma ta' difiża. Illi l-Qorti fliet bir-reqqa il-kontenut tal-istqarrijiet mertu ta' dan l-appell u tqis illi għalkemm huwa minnu illi l-appellat caħad kategorikament l-involviment tiegħu fl-omiċidju, madanakollu huwa jwieġeb għal mistqosijiet kollha li jsirulu meta jintalab jagħti dettalji dwar dak li għamel fil-lejla in kwistjoni, fejn anke biddel għal darba darbtejn xi dettalji mill-verżjoni tiegħu tal-fatti. Dan għamlu meta huwa ma kellu ebda forma ta' difiża, fejn allura ċertu inkonsistenzi jistgħu jdagħjfu l-kredibbilita' tiegħu, biex b'hekk bil-fatt illi huwa rrinunzja għall-jedd tiegħu ghas-silenzju f'ċirkostanzi fejn ma kellu ebda forma ta' difiża, dan jista' jissarraf f'preġudizzju irrimedjabbli.

---

[4] L-eċċezzjonijiet dwar waħda jew oħra mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ:

[5] Artikolu 638(2) Kodiċi Kriminali

**17**. Illi magħmula din l-espożizzjoni tal-fatti li temerġi mill-atti kkumpilati jirriżulta mhux biss illi l-appellat irrilaxxa diversi stqarrijiet lil pulizija tul l-istħarriġ li sar minnhom, iżda dan għamlu inizjalment meta l-istħarriġ kien għadu marbut mal-għejbien ta' Grech, u sussegwentement meta ġie misjub il-katavru tiegħu, l-investigazzjoni ħadet il-bixra ta' stħarriġ dwar omiċidju, meta imbagħad l-appellat, allura suspettat, spiċċa qed jiffaċċja akkużi aktar onerużi wara li kien diġa' għamel dikjarazzjonijiet marbuta mal-każ u li setgħu kienu inkriminatorji fir-rigward tal-qtil. Tant hu hekk illi imbagħad rinfaċċjat b'din is-sitwazzjoni huwa jbiddel xi dettalji preċedentement moghtija minnu. Dan iwassal indubbjament għal preġudizzju serju li l-appellat Habesh jista' isofri jekk dawn l-istqarrijiet u ċioe' dawk li ittiehdu fis-snin 2005 u 2009, meta huwa ma kellu ebda forma ta' difiza, jinġiebu bħala prova kontrih fil-ġuri.

**18**. Illi għalkemm l-istqarrijiet mertu ta' dan l-appell ma jikkostitwux l-uniku prova li l-Prosekuzzjoni bi ħsiebha tressaq f'dan il-proċess penali, u għalkemm għadu jrid jiġi iċċelebrat il-ġuri sabiex l-appellat jiġi ipproċessat skont il-liġi fejn se jingħata kull opportunita' li jiddefendi ruħu għall-akkużi lilu addebitati, madanakollu l-ebda prova ma tista' teradika l-fatt illi meta ġie arrestat, l-appellat irilaxxa stqarrijiet li fil-bidu kienu indirizzati sabiex tiġi rintraċċata persuna rappurtata nieqsa, u sussegwentment imbagħad intuzaw mill-investigaturi sabiex jibdew bl-istħarriġ tagħhom dwar l-omiċidju ta' Simon Grech u dan meta l-appellat għal diversi drabi interrogat qatt ma kellu ebda forma ta'difiza, jew għall-inqas mill-provi ma jirriżultax illi huwa kiseb ebda forma ta' assistenza legali. Illi mhux biss, iżda il-verżjoni tal-fatti li temerġi minn dawn l-istqarrijiet ser tiġi imqiegħda mill-ġurati fuq il-miżien tal-kredibbilita' ma' dak dikjarat minn xhieda oħra ppreżentati lilhom mill-Prosekuzzjoni fosthom xhud okulari ewlenija li tikkontendi li rat l-omiċidju iseħħ.

**19**. Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma illi, għalkemm l-istqarrijiet mertu ta' dan l-appell ġew rilaxxati skont il-liġi viġenti fiż-żmien meta ittieħdu, u għalkemm l-appellat issa ser

ikun assistit minn avukat waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, u wkoll ser ikollu kull opportunita' li jressaq id-difiża tiegħu, dawn il-fatturi ma jistgħu bl-ebda mod iwarrab il-periklu ta' żbilanc bejn id-drittijiet tiegħu bħala l-persuna akkużata fil-proċess ġudizzjarju u d-dritt tas-soċjeta li tara li issir ġustizzja għall-omiċidju ta' Simon Grech. Dan għaliex jekk dawn l-istqarrijiet jitħallew fl-atti, il-Prosekuzzjoni ser tressaq prova quddiem il-ġurati fejn l-appellat għamel stqarrijiet u dikjarazzjonijiet dwar il-każ meta dan ma kellu ebda forma ta' difiza u meta allura kellu id-dritt tas-silenzju u ma eżerċitahx, injar mill-konsegwenzi legali li dan seta' jġib miegħu. Mhux biss, iżda meta ġie interrogat inizjalment mal-għejbien ta' Grech u meta ma kienx għadu rinfaċċjat bil-possibilita' ta' akkużi ferm serji li jġorru il-piena oneruża tal-għomor il-ħabs, u allura, kif ingħad, injar mill-konsegwenzi mnissla mid-dikjarazzjonijiet minnu magħmula, inkisbet prova determinati fil-proċess penali.

**20**. Illi hija l-fehma tal-Qorti allura, stabbilit li ma kienx hemm ragunijiet impellenti li wasslu sabiex id-dritt ghall-assistenza legali jigi miċħud u adottat il-kriterju tal-"*overall fairness of the proceedings*" imfassal fil-kaz *Beuze vs il-Belgju,* għalkemm l-istqarrijiet mertu tal-appell inkisbu skont il-liġi viġenti f'dak iż-żmien, madanakollu dan ma jistax jeradika mill-fatt illi l-appellat irrilaxxa diversi stqarrijiet li l-Prosekuzzjoni bi ħsiebha tressaq bħala prova fil-ġuri, meta dawn ġew rilaxxati mingħajr ebda forma ta' għajnuna legali sabiex tiggwida lill-appellat. Dan iktar u iktar, jerġa' jiġi emfasiżżat, meta l-istħarriġ tal-pulizija ħa bixra differenti minn dak inizjali meta allura l-appellat ma kienx għadu ġie mgħarraf li qed jiġi indagat b'relazzjoni ma' akkużi dwar omiċidju, tant illi kif ingħad, fl-istqarrijiet li ġew wara li bdiet l-indaġini dwar l-omiċidju, l-appellat jibda' ibiddel xi dettalji minn dak mistqarr minnu inizjalment. L-istess ma jistax jingħad, kif ġustament stqarret il-Qorti Kriminali, fir-rigward tal-istqarrija li imbagħad ġiet rilaxxata fis-sena 2013 meta ftit wara l-appellat ġie mixli bl-omiċidju ta' Simon Grech. Dan għaliex fl-ewwel lok huwa kien mgħarraf dwar ir-raġuni li kien qed jiġi interrogat, ingħata il-jedd jikkonsulta ma' avukat, u mhux biss, iżda bit-trapass taż-żmien meta

allura kien jaf bl-evidenza li kellhom f'idejhom il-pulizija, kellu kull opportunita' jieħu dak il-parir meħtieġ konsapevoli li kien qed jiġi indagat dwar l-omiċidju ta' Grech.

**21.** Illi d-direzzjoni li qed tiġi mogħtiija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem hija univoka u ċioe' illi kull każ irid jitqies għalih billi jiġi mistħarreġ f'kull każ individwalment jekk, bil-fatt illi l-persuna akkużata ma kellhiex jedd għal ebda forma ta' assistenza legali, jew inkella, bil-fatt illi ma kellhiex l-avukat preżenti waqt it-teħid tal-istqarrija, għalkemm dik il-persuna tkun kisbet parir legali jew għall-inqas ingħatat il-jedd li jkollha dak il-parir, dan setax impinġa fuq is-smigħ xieraq iktar 'il quddiem tul il-proċeduri penali istitwiti kontra tagħha. F'dan il-każ, il-Qorti hija tal-fehma illi n-nuqqasijiet minnha ravviżati, bħalma ġew ravviżati ukoll mill-Qorti Kriminali qabilha, ma jistgħu bl-ebda mod jiġu sanati għaliex l-Imħallef togat neċessarjament irid iwissi lil ġurati fl-indirizz finali tiegħu b'dawn l-imsemmija nuqqasijiet, li x'aktarx ser jivvizjaw l-istqarrijiet tal-appellat miksuba mingħajr ma kellu ebda difiża, sabiex b'hekk ikun ferm riskjuż li huma jistrieħu fuqha meta jiġu biex jagħmlu il-ġudizzju aħħari tagħhom.

**22**. Illi allura għal motivi hawn fuq miġjuba, b'żieda mal-fehma milħuqa mill-Qorti Kriminali fis-sentenza appellata, jkun għaqli li f'dan l-istadju bikri tal-proċess gudizzjarju, din il-prova magħmula mill-Prosekuzzjoni permezz ta'l-istqarrijiet li ġew rilaxxati mill-appellat Ismael Habesh lura fis-snin 2005 u 2009, meta ma kellu jedd għall-ebda forma ta' assistenza legali, jiġu imwarrba u ma jinġiebux a konjizzjoni tal-ġurati matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri.

**Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, l-appell ta'l-Avukat Ġenerali qed jiġi miċħud u is-sentenza appellata ikkonfermata fl-intier tagħha. Tibgħat l-atti lura lil Qorti Kriminali għal kontinwazzjoni tal-proċess penali kontra l-akkużati.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni Grixti**